# L-EKONOMIJA U L-MARA TAD-DAR

Carmen Delia.

Ta' sikwit tkun f'xi ħanut u tisma' 'l min igħid li jrid jagħmel l-ekonomija. Iżda, forsi, it-tifsira li nagħtu lil din il-frażi hi limitata wisq.

Il-kelma 'ekonomija' ma tfissirx biss li għandna niffrankaw l-flus bħall-mara li taħżen il-frott u l-ħaxix meta dawn jorħsu fi żmienhom biex b'hekk nlaħħqu ma' spejjeż oħrajn; iżda tfisser li għandna fuq kollox nagħmlu l-aħjar użu mir-riżorsi li għandna.

L-ikbar riżorsi li għandha l-mara tad-dar huma l-ħin u t-talenti tagħha. U l-mara trid tiddeċiedi kif l-aħjar tutilizza ħinha biex waqt li tgħin lil żewġha u 'l uliedha tkompli tiżviluppa t-talenti u l-personalità tagħha u ma tħosshiex sfruttata.

Illum, mgħejjuna mill-iżviluppi li saru fit-teknoloġija, il-mara tad-dar għandha ħafna għajnuna. Għadna ma wasalniex fejn waslu xi nisa Amerikani li mlew djarhom b'robots programmati biex ifarfru din jew dik il-kamra fit-tali ġurnata, jew li jġibulna l-kafè fis-sodda fil-għodu. Din il-ħajja għalina għadha biss ħolma. Iżda l-mara Maltija llum ma tridx taħli ġranet sħaħ taħsel il-ħwejjeġ b'idejha bħal dari. La darba għandha iktar ħin liberu l-mara trid tiddeċiedi kif l-aħjar tuża dan il-ħin.

Fin-Norveġja grupp ta' nisa mmexxija minn Berit As, membru tal-Parlament, malajr sabu x'jagħmlu b'ħinhom. Ħadmu bis-sħiħ biex bidlu dar se taqa' fil-belt ta' Loten f'Universita' għan-nisa. Din l-Universita' toffri korsijiet f'suġġetti diversi, fosthom il-kant, il-letteratura, korsijiet fuq is-sbuħija u s-saħħa, u xjenza politika.

F'Malta ma hawnx Università għan-nisa u f'dik li hawn ma nsibux opportunitajiet għall-mara tad-dar! Biss fil-ġurnali spiss tara reklamati korsijiet varji li jinteressaw nisa b'talenti differenti. Per eżempju, kumpaniji joffru korsijiet fil-ħjata, kemm f'livell elementari kif ukoll avanzat, fuq ħwejjeġ tan-nisa u tal-irġiel u dan l-aħħar anke 'upholstery'. Dehru avviżi għall-korsijiet fuq 'hairdressing', tagħlim u taħriġ fil-lingwi bħat-Taljan, Franċiż, u Ġermaniż; kura tal-qsari ta' ġewwa, xogħol tal-bizzilla, arranġamenti ta' fjuri, introduzzjoni għall-kompjuters, kif ukoll korsijiet ta' tagħlim reliġjuż jew politiku.

Xi wħud minn dawn il-korsijiet isiru fil-għodu u jkun aktar faċli għall-mara tad-dar li tattendi jekk tippjana x-xogħol tagħha sewwa. Korsijiet oħrajn, iżda, isiru fil-għaxija u hawnhekk il-mara tħabbat wiċċha ma' diffikulta' sakemm żewġha mhux less li jifhem li martu, bħalu, hi individwu li għandha d-dritt u d-dover tiżviluppa l-personalita' tagħha. Għalhekk irid ikun hemm kooperazzjoni sħiħa bejn il-mara u r-raġel, kemm fuq it-trobbija ta' l-ulied u x-xogħol tad-dar, biex il-mara tkun tista' tattendi xi kors minn żmien għall-ieħor.

Li nintaqgħu sikwit huma ma' nisa li jattendu 'coffee mornings' u 'high teas' organizzati mill-għaqdiet. Il-fatt li n-nisa joħorġu minn darhom hu pass pożittiv; tajjeb, però, li ma naħsbux biss biex nieklu u nixorbu. L-għan ta' min jorganizza dawn l-attivitajiet ma għandux ikun biss finanzjarju, iżda għandu jkollu skop varjat u edukattiv. Inkella minflok tuża ħinha u tiftaħ l-orizzonti tagħha — minflok tagħmel ekonomija mill-ħin — il-mara jkollha skuża biex tberbaq il-ħin u flusha u la hi, la l-familja u l-anqas is-Soċjeta' ma jiggwadanjaw.

Għan-nisa li jaħdmu, il-ġurnata trid tiġi programmata b'aktar għaqal u l-kooperazzjoni bejn il-mara u r-raġel f'każ bħal dan forsi tinħass aktar. Iżda għalkemm il-ħin għat-tagħlim jonqos, ta' min jara kif, u meta hu l-aħjar żmien, biex il-mara tipparteċipa f'attivitajiet kulturali u soċjali weħidha jew flimkien ma' żewġha.

Dawn l-attivitajiet joffru opportunitajiet lill-mara li tinteressa ruħha jew biex issir tinteressa ruħna f'suġġetti ġodda. B'hekk mhux biss issir soċjevoli u kolta li jgħin lilha bħala persuna iżda wkoll issir 'asset' għall-familja u għas-soċjeta' sew jekk tiddeċiedi li toħroġ taħdem sew jekk tippreferi tgħin f'għaqdiet filantropiċi jew soċjali. B'hekk il-mara tkun tkattar l-iskopijiet fil-ħajja, tħossha utli għall-familja u għas-soċjeta', u tkun qed tagħmel ekonomija mill-ħin u t-talenti li għandha.